BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

- Il-*Bank of Valletta plc* kien soġġett għall-eżerċizzju tal-i*stress tests* li sar mal-UE kollha u li kien immexxi mill-*Committee of European Banking Supervisors (CEBS)* flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), l-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji *(MFSA)* u l-Bank Ċentrali ta' Malta.

- L-*MFSA* u l-Bank Ċentrali ta' Malta jirrikonoxxu r-riżultati tal-i*stress tests* li saru mal-UE kollha.

- Dan l-i*stress test* jikkumplimenta l-proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskju u programmi regolari ta' *stress testing* li jsiru fil-*Bank of Valletta plc* taħt il-qafas tal-*Pillar 2* tal-*Basel II* u r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (*CRD*)[1].

- L-eżerċizzju sar skont ix-xenarji, il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet ewlenin kif provduti mis-*CEBS* (ara r-rapport aggregat ippubblikat fis-sit elettroniku tas-*CEBS*[2]). Wara s-simulazzjoni ta' xokk applikat taħt kundizzjonijiet ħżiena, il-proporzjon ta' kapital ikkonsolidat tal-ewwel kategorija (*Tier 1*) hu stmat li jinbidel għal 11.0% fl-2011 meta mqabbel ma' 10.5% fl-aħħar tal-2009. Jekk, ma' dan, ikun applikat xenarju simulat ta' riskji li ġejjin minn dejn pubbliku jkun hemm impatt ieħor ta' 1.7 punti perċentwali fuq il-proporzjon ta' kapital tal-ewwel kategorija (*Tier 1*), biex jinbidel għal 9.3% fl-aħħar tal-2011, meta mqabbel mal-minimu regolatorju ta' 4% mitlub mis-*CRD*.

- Ir-riżultati tal-i*stress* juru li, fil-kapital tal-ewwel kategorija (Tier 1), hemm EUR109 miljun iżjed milli meħtieġ meta jiġi kkunsidrat il-proporzjon minimu ta' 6% ta' kapital adegwat tal-ewwel kategorija (*Tier 1*) li ġie miftiehem għall-*Bank of Valletta plc* speċifikament għall-iskop ta' dan l-eżerċizzju. Dan il-livell m'għandu bl-ebda mod jitqies bħala minimu regolatorju (il-proporzjon minimu regolatorju għall-kapital tal-ewwel kategorija (*Tier 1*) hu ta' 4%), u lanqas bħala l-livell ta' kapital li jrid jintlaħaq biex jirrifletti l-profil ta' riskju tal-istituzzjoni maħdum skont il-proċess ta' vverifikar regolatorju taħt il-*Pillar 2* tas-*CRD*.

- L-*MFSA* u l-Bank Ċentrali ta' Malta żammew diskussjonijiet rigorużi rigward ir-riżultati tal-i*stress test* mal-*Bank of Valletta plc*.

- Minħabba li l-*istress test* sar b'numru ta' suppożizzjonijiet ewlenin komuni li jissimplifikaw ċertu aspetti (eż. karta tal-bilanċ fissa) l-informazzjoni rigward xenarji ta' referenza qed tingħata biss biex wieħed iqabbel u m'għandha bl-ebda mod titqies bħala xi forma ta' tbassir.

---

[1] Direttiva KE/2006/48 – id-Direttiva tar-Rekwiżiti tal-Kapital (CRD)
[2] Ara: http://www.c-ebs.org

- Fl-interpretazzjoni tar-riżultati tal-eżerċizzju, hu importanti li ssir distinzjoni bejn ir-riżultati miksuba taħt ix-xenarji differenti li ġew żviluppati għall-iskop tal-eżerċizzju mal-UE kollha. Ir-riżultati miksuba taħt kundizzjonijiet ħżiena m'għandhomx jitqiesu bħala rappreżentattivi tas-sitwazzjoni preżenti jew ta' xi bżonnijiet preżenti rigward kapital. Eżerċizzju ta' *stress testing* ma jipprovdix tbassir ta' avvenimenti mistennija minħabba li s-simulazzjonijiet taħt kundizzjonijiet ħżiena huma bbażati fuq xenarji "kieku kellhom iseħħu" li jinkludu suppożizzjonijiet plawsibbli imma estremi, u li għalhekk ftit hemm ċans li jimmaterjalizzaw. *Stresses* differenti jistgħu jwasslu għal riżultati differenti skont iċ-ċirkustanzi ta' kull istituzzjoni.

- **Sfond**

  L-iskop tal-eżerċizzju tal-*istress test* tal-2010 mal-UE kollha li sar bl-awtorità tal-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi tal-UE (ECOFIN) u mmexxi mis-*CEBS* b'kollaborazzjoni mal-BĊE, awtoritajiet superviżorji lokali u l-Kummissjoni Ewropea hu li jkejjel is-saħħa ġenerali tas-settur bankarju fl-UE u l-kapaċità tal-banek li jifilħu għal aktar xokkijiet li jista' jkun hemm fuq riskji marbuta ma' self u swieq, inklużi r-riskji li ġejjin minn dejn pubbliku.

  L-eżerċizzju sar bank bank fuq kampjun ta' 91 bank minn 20 Stat Membru tal-UE li l-assi totali tagħhom, b'mod ikkonsolidat, jirrappreżentaw tal-anqas 50% tal-assi tas-settur bankarju kollu f'kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE bl-applikazzjoni ta' sett ta' xenarji makroekonomiċi (ta' referenza u taħt kundizzjonijiet ħżiena) maqbula għall-2010 u l-2011 li ġew mfassla b'kooperazzjoni stretta mal-BĊE u l-Kummissjoni Ewropea.

  Aktar informazzjoni dwar ix-xenarji, il-metodoloġija, ir-riżultati globali u dawk individwali ddettaljati jistgħu jinkisbu mingħand is-CEBS[3]. L-informazzjoni tista' tinkiseb ukoll mis-siti elettroniċi tal-*MFSA* u tal-Bank Ċentrali ta' Malta.

23 ta' Lulju 2010

[3] Ara: http://www.c-ebs.org